Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru: 367/2008/1

**Schembri & Sons Ltd**

**Vs**

**Paul Gladwish u b'digriet tal-10 ta' Marzu, 2019 issejjaħ fil-kawża Joseph Cutajar**

12 ta' Lulju, 2019.

1. L-attriċi ħarrket lill-konvenut fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabiex ikun ikkundannat iħallasha s-somma ta' ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgha u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) bilanċ minn somma akbar dovuta bħala prezz ta' *concrete beams* u *slabs* ikkonsenjati lill-konvenut.

2. B'sentenza tal-15 ta' Novembru, 2017 il-qorti ċaħdet it-talba wara li dwar il-meritu osservat:

   *"Din il-Qorti tghid li l-mertu tal-kawza tal-lum huwa principalment impernjat fuq konsiderazzjonijiet teknici, u mhux biss fuq apprezzament tal-provi prodotti f'kuntest legali. In partikolari, sabiex hejja r-rapport tieghu, il-perit tekniku acceda ghal darba, darbtejn fl-ambjenti fejn saru x-xogholijiet mill- kumpanija attrici u kkonstata l-istess xogholijiet. Il-perit tekniku fisser fid- dettall ir-ragunijiet li wasslu ghall-konkluzjonijiet tieghu. Din il-Qorti tqis ragonevoli u ben sostnuti l-osservazzjonijiet tal-perit tekniku u l- konkluzjonijiet tieghu. Ghaldaqstant, anke wara li tat il-konsiderazzjoni dovuta lis-sottomissjonijiet tal-partijiet, din il-Qorti ma ssibx ragunijiet fondati ghaliex ghandha tiddiskosta ruhha mill-konkluzjonijiet peritali".*

3. L-ewwel qorti ċaħdet ukoll l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-konvenut u li ma kienx il-leġittimu kontradittur. Ikkonkludiet ukoll li l-imsejjaħ fil-kawża ma kienx leġittimu kontradittur.

4. B'rikors preżentat fis-27 ta' Novembru, 2017 il-konvenut appella mis-sentenza. Fil-5 ta' Diċembru, 2017 l-attriċi wieġbet u pproponiet appell inċidentali. Il-konvenut wieġeb għall-appell inċidentali tal-attriċi u l-istess għamel l-imsejjaħ fil-kawża.

5. Il-qorti qrat l-atti.

**<u>Aggravji tal-appellant Paul Gladwish</u>**.

6. Dan l-aggravju jitratta l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni li ngħatat mill-konvenut. Fin-nota tal-eċċezzjonijiet kien irrefera għall-artikolu 2149(a) tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi:

    *"l-azzjonijiet tal-bennejja ta' bastimenti jew bċejjeċ oħra tal-baħar, u tal-kuntratturi ta' bini ieħor jew ta' xogħlijiet oħra ta' injam, ġebel, jew materjal ieħor,* ***għall-opri*** *maħdumin minnhom jew għall-materjali li jfornu".*

7. L-ewwel qorti għamlet riferenza għas-sentenza **Paul Formosa vs Salvu Debono** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2001 fejn intqal li dik id-disposizzjoni:

    *"ma japplikax fejn ikun hemm sempliżi fornitura ta' materjali imma kien jikkontempla biss dawk il-materjali suppliti mill-kuntratturi fuq xogħlijiet meta dawn ikunu impjegati f'xogħlijiet ta' kostruzzjoni minnhom esegwiti jew fl-istess utilizzati".*

8. Dak żgur li m'huwiex iċ-ċirkostanza li għandha f'dan il-każ. L-attriċi ma kinitx kuntrattur kif deskritt f'dik id-disposizzjoni. Ma kinitx ingaġġata sabiex tagħmel *'opra'*. L-attriċi m'għamlet l-ebda xogħol ta' kostruzzjoni.

9. Ghaldaqstant, il-qorti hi tal-fehma li l-artikolu 2149(a) tal-Kodiċi Ċivili ma japplikax għall-każ in eżami.

10. Il-konvenut ibbaza t-tieni u t-tielet aggravji fuq l-argument li l-imsejjaħ fil-kawża kellu l-inkarigu li jibni, jiżviluppa l-bini u **jordna u jħallas dak il-materjal kollu neċessarju** u jkun responsabbli għall-ħlas tal-*concrete beams* u *slabs*. F'dan ir-rigward għamel riferenza għal ftehim li kellu mal-kuntrattur (Joseph Cutajar).

11. Kwalsiasi ftehim li seta' sar bejn il-konvenut u l-imsejjaħ fil-kawża, hu *res inter alios acta* għall-attriċi.

12. Fl-atti hemm korrispondenza li l-attriċi u l-konvenut bagħatu lil xulxin. Prova li kien hemm relazzjoni diretta bejniethom. Hekk per eżempju huma l-ittra Dok. JFR7, u dawk datati 23 ta' Awissu, 2004 (PG5), 21 ta' Ottubru 2004 (JFR9), 22 ta' Ottubru 2004 (JFR10), 7 ta' Novembru 2005 (JFR17). Fl-ittra tas-7 ta' Novembru 2004, il-perit Godwin Aquilina kiteb:

    *"With reference to your statement of accounts dated 11.05.05 sent to my client, Mr Paul Gladwish, I have been requested by Mr Gladwish to ask you to send him a detailed*

*statement listing all the invoices sent with their respective date of issue and payments on account, since the constructor, Mr Joseph Cutajar, could not supply us with these documents".*

13. Hemm ukoll Dok. PG4 li hi l-istima li ħarġet l-attriċi f'isem il-konvenut (datata 10 ta' Ġunju, 2003). Dokument li ppreżenta l-perit Aquilina mal-affidavit u għalhekk indizju ieħor tar-relazzjoni bejn l-attriċi u l-konvenut. Stima li nħarġet wara l-iskrittura privata (30 ta' Jannar, 2003) li ffirmaw il-konvenut u l-imsejjaħ fil-kawża u li fuqha l-konvenut ibbaża l-eċċezzjoni li mhuwiex leġittimu kontradittur.

14. Għaldaqstant il-qorti taqbel mar-raġunament tal-ewwel qorti (ara fol. 26) tas-sentenza. Ir-relazzjoni li kien hemm bejn il-konvenut u l-imsejjaħ fil-kawża m'hijiex xi ħaġa li tikkonċerna lill-attriċi. Għaldaqstant, ta' xejn il-konvenut jibqa' jinsisti fuq l-iskrittura privata li ffirma mal-imsejjaħ fil-kawża. M'hemmx provi dokumentarji li l-kontijiet kienu jinħarġu f'isem l-imsejjaħ fil-kawża.

15. Fir-raba' aggravju, il-konvenut argumenta: *"U allura wieħed jistaqsi d-domanda: jekk l-Ewwel Onorabbli Qorti f'sentenza studjata mmens ta' sitta u tletin faċċata qablet li l-Appellanti ma kellu jagħti l-ebda ħlas lis-Soċjeta Attriċi, ma huwiex ovvju li l-Appellanti ma għandu jagħti xejn lill-kjamat in kawża ? u li l-Kjamat in Kawża kien responsabbli biex jagħmel il-pagament lis-Soċjeta Attriċi ?"*. Il-qorti tosserva:-

    i. Il-kwistjoni f'din il-kawża ma kinitx ir-relazzjoni ta' bejn il-konvenut u l-imsejjaħ fil-kawża.
    ii. L-ewwel qorti kkonkludiet li r-relazzjoni tas-soċjeta attriċi kienet mal-konvenut u mhux l-imsejjaħ fil-kawża. Fehma li din il-qorti taqbel magħha għar-raġunijiet li diġa ngħataw. Għalhekk l-ewwel qorti għamlet sew meta lliberat lill-imsejjaħ fil-kawża mill-osservanza tal-ġudizzju.

16. Għaldaqstant, ir-raba' aggravju hu miċħud ukoll.

17. L-aħħar aggravju jitratta l-kap tal-ispejjeż. L-ewwel qorti ddeċidiet:

    *"Bl-ispejjeż tal-kawża, eskluż dawk konnessi man-nomina tal-kjamat in kawża, huma a spejjeż tas-soċjeta attriċi filwaqt li dawk li saru in konnessjoni mal-kjamat in kawża huma a karigu tal-konvenut. L-ispejjeż tal-mandat ta' sekwestru 3028/08 a karigu tas-soċjeta attriċi".*

18. Hu evidenti li l-konvenut kien il-leġittimu kontradittur għall-pretensjoni tal-attriċi, hu ovvju li l-imsejjaħ fil-kawża kellu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju. Ġialadarba kien il-konvenut li talab li Cutajar jissejjaħ fil-kawża (ara

tieni eċċezzjoni) u eventwalment ġie liberat mill-osservanza tal-ġudizzju, allura l-konvenut għandu jagħmel tajjeb għall-ispejjeż *"li saru in konnessjoni mal-kjamat in kawża"*. Għaldaqstant, l-aħħar aggravju hu miċħud ukoll.

**<u>Aggravji fl-appell inċidentali tal-attriċi (fol. 29 *et seq*).</u>**

19. L-attriċi tilmenta li l-ewwel qorti ma kinitx ġustifikata li tiċħad it-talbiet attriċi filwaqt li laqgħet ir-raba' u ħames eċċezzjonijiet tal-konvenut.

20. Mis-sentenza hu evidenti li fil-meritu, l-ewwel qorti bbażat id-deċiżjoni fuq il-parir tal-perit tekniku. F'dan ir-rigward l-ewwel qorti qalet:

> *"Din il-qorti tgħid li l-meritu tal-kawża tal-lum huwa prinċipalment impernjat fuq konsiderazzjonijiet tekniċi, u mhux biss fuq apprezzament tal-provi prodotti f'kuntest legali. In partikolari, sabiex ħejja r-rapport tiegħu, il-perit tekniku aċċeda għal darba, darbtejn fl-ambjenti fejn saru x-xogħlijiet mill-kumpannija attriċi u kkonstata l-istess xogħlijiet. Il-perit tekniku fisser fid-dettall ir-raġunijiet li wasslu għall-konklużjonijiet tiegħu. Din il-Qorti tqis raġonevoli u ben sostnuti l-osservazzjonijiet tal-perit tekniku u l-konklużjonijiet tiegħu. Għaldaqstant, anke wara li tat il-konsiderazzjoni dovuta lis-sottomissjonijiet tal-partijet, din il-Qorti ma ssibx raġunijiet fondati għaliex għandha tiddiskosta ruħha mill-konklużjonijiet peritali"*.

21. L-ilment tal-konvenut kien dwar it-travi. Fil-fatt f'ittra datata 7 ta' Novembru, 2005 li l-perit Aquilina bagħat lill-attriċi, kiteb:

> *"Furthermore, please be informed that my client is still not satisfied with the strength of the **structural beams spanning across the main hall**. **He is contending that he ordered these beams to support a much larger superimposed load that that your company certified they could actually support**"*.

22. Fl-istima li l-attriċi tat lill-konvenut, qalet li s-saqaf kien ser jiflaħ 1,500 kg/m.kw (ara Dok. PG4). Il-perit Aquilina qal:-

> *"Kienet saret l-ordni għal dan is-saqaf b'superimposed load ta' 1500kg kull metru kwadru a bażi ta' quotation li kienet ingħatat lilna minn Schembri kif jidher fid-dokument. Il-quote li ingħatajna kienet għal prestressed beams bid-dettalji kollha"*.

23. F'ittra datata 21 ta' Ottubru, 2004 (Dok. JR9) li l-perit Aquilina bagħat lill-perit Ivan Cachia (perit tal-attriċi), kiteb:

> *"With reference to our meeting regarding works carried out at Hall in Qormi, property of Mr Paul Gladwish, can you please confirm the superimposed load, which the roof over the hall was designed for ?*
>
> *This roof consists of eighteen prestressed beams with slabs supported on them"*.

24. It-tweġiba li ngħata l-perit Aquilina kienet permezz ta' ittra datata 22 ta' Ottubru, 2004 li biha infurmah:

*"We are in receipt of your letter dated the 21st October 2004. We hereby confirm that the imposed load as indicated in the Calculation Sheets so forwarded to Mr Paul Gladwish by our Structural Engineer Perit Ivan Cachia as being 1.5 KN/m2".*

L-istima tal-attriċi tgħid ċar u tond li l-piż kellu jkun ta' 1,500 kg/m.kw. Il-perit Aquilina kien ċar ħafna fl-affidavit li għamel. L-attriċi lanqas biss għamlitlu kontro-eżami.

25. Hu minnu li l-perit Cachia xehed li, *"... kien hemm ordni fejn il-concrete beams kellhom ikunu ta' ċertu ħxuna. Iżda minħabba l-pozizzjoni tal-kondizzjonijiet tal-MEPA, il-height limitations, il-konvenut xtaq li jkun (hemm) revision ta' dawn il-kalkoli li għamilna,* ***ċioe' li l-concrete beams ikun inqas ħoxnin"*** (fol. 91). Pero' fir-rapport il-perit tekniku kiteb:

    *"1. Jekk wieħed inaqqas biss il-ħxuna tat-travi* ***mhux bilfors li jista' jassumi illi b'daqshekk ser jitnaqqas ukoll il-piż li jerfa' s-saqaf fil-kwistjoni*** *.....".*

26. Opinjoni li tikkontradiċi dak li xehed Johann Farrugia, *"Naturalment jekk jitbaxxa kien ser jiflaħ inqas fis-sens li jkun hemm anqas volum fuqu"* (fol. 55). L-istess xhud qal li kien sar tibdil fid-diżinn, minħabba dak li kienet qegħda titlob l-Awtorita tal-Ippjanar. Pero' sewwa osserva l-perit tekniku li, *"2. Il-kwistjoni mal-MEPA nqalgħet wara li tqiegħed l-istess saqaf fil-post (Dok. JFR6) u mhux qabel meta nbidel id-diżinn".* L-attriċi ma tat l-ebda prova li qabel tpoġġa t-travu, kien hemm xi diżgwid bejn il-konvenut u l-Awtorita tal-Ippjanar.

27. Fir-rikors tal-appell l-attriċi kkritikat lill-perit tekniku meta qalet (fol. 39):

    *"8. Inoltre, diffiċli li wieħed jifhem għaliex il-Perit qed igħid illi l-ftehim dwar il-piż qatt ma nbidel u dan tenut kont tal-fatt illi l-piż li jerfa' travu jiddependi fuq l-ammont ta' ħadid li fih. Ladarba minkejja li nbidel id-daqs tat-travu imma l-prezz kien ser jibqa' l-istess allura kellu jkun ċar għall-perit illi ta' bilfors illi t-travu kien ser jiġi jerfa' inqas piż".*

Materja li hi ta' natura teknika u li dwarha l-attriċi kellha kull opportunita' li tagħmel domandi lill-perit tekniku in eskussjoni. Fl-eskussjoni l-attriċi ma rnexxilhiex tikkontradiċi dak li rrelata l-perit tekniku.

28. Il-qorti żżid ukoll:
    i. L-attriċi ma tat l-ebda prova skritta li l-ordni tal-konvenut kienet differenti minn dik li tissemma fl-istima. Hu veru li ma kinitxd preżentata *order form*, pero' semmai dak l-oneru kienu fuq l-attriċi jekk verament riedet tikkontradiċi l-istima li tat lill-konvenut.
    ii. Il-perit Ivan Cachia xehed: *"Jiena kont nieħu l-ordni mingħand il-kuntrattur pero' ma neskludix illi jkun ordnali wkoll xi affarijiet il-klijent"* (seduta tat-

2.6.2014). Pero' ma ppreżenta l-ebda dokument li jikkonferma li l-ordni li ngħata kienet tat-travu li ddiżinja u li ġie manifatturat u konsenjat;

iii. L-attriċi ma ppreżentat l-ebda dokument iffirmat mill-konvenut jew il-perit Aquilina li kien japprova l-kalkoli li għamel il-perit Cachia;

29. Aggravju ieħor tal-attriċi hu li l-eċċezzjoni tal-kwalita' pattwita ma tistax tirnexxi għal diversi raġunijiet.

30. Dwar dan l-aggravju l-qorti tosserva:

i. Wieħed ma jistax jippretendi li l-konvenut jirrifjuta t-travu fid-data tal-konsenja meta hu ovvju li meta l-attriċi kkonsenjatu u poġġietu fil-post, il-konvenut ma kienx jaf li t-travu ma kienx jiflaħ il-piż li ried;

ii. Mill-provi jirriżulta li meta l-konvenut sar jaf dwar il-piż li kien jiflaħ it-travu, mill-ewwel oġġezzjona mal-attriċi;

iii. Il-konvenut tant m'aċċettax it-travu li lanqas ma kompla bil-proġett. Il-fatt li t-travu baqa' f'postu ma jfissirx li l-konvenut aċċetta t-travu. Il-qorti ma tifhimx l-attriċi x'tippretendi li l-konvenut kellu jagħmel, u dan meta tikkunsidra li l-kwistjoni hi dwar oġġett massiv. Min ikun agħżel li jżomm l-oġġett mhux ser jilmenta kif fil-fatt agħmel il-konvenut kif kien infurmat bil-piż li jiflaħ it-travu diżinjat mill-perit Cachia;

iv. Il-qorti diġa' osservat li hemm prova li għalkemm il-ħxuna tat-travu kienet tnaqqset, dak il-fatt waħdu m'huwiex prova li l-*loading capacity tat-travu kienet tnaqqset* (ara r-rapport tal-perit tekniku)*;*

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż għall-konvenut u l-appell inċidentali bl-ispejjeż għall-attriċi.**

Anthony Ellul.